



16.1.2012

B7-0012/2012

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew (8-9 ta' Diċembru 2011) dwar abbozz ta' ftehim internazzjonali dwar Unjoni ta' Stabbiltà Fiskali(2011/2546(RSP))

**Søren Bo Søndergaard, Jean-Luc Mélenchon, Miguel Portas, Marisa Matias, Kyriacos Triantaphyllides, Takis Hadjigeorgiou, Paul Murphy, Cornelis de Jong, Willy Meyer, Patrick Le Hyaric, Mikael Gustafsson, Nikolaos Chountis, Marie-Christine Vergiat, Ilda Figueiredo**  
f'isem il-Grupp GUE/NGL

<<<

**B7-0012/2012**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew (8-9 ta' Diċembru 2011) dwar abbozz ta' ftehim internazzjonali dwar Unjoni ta' Stabbiltà Fiskali(2011/2546(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Istqarrija tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern taż-Żona tal-Euro, 9 ta' Diċembru 2011,
  - wara li kkunsidra l-abbozz ta' Trattat Internazzjonali dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-patt fiskali ma jindirizzax l-elementi prinċipali li wasslu għall-kriżi, jiġifieri l-liberalizzazzjoni, id-deregolamentazzjoni u s-serħan żejjed fuq is-swieq finanzjarji, id-disparitajiet makroekonomiċi li kulma jmur qed jikbru fiż-Żona tal-Euro u l-impożizzjoni ta' politiki neoliberali;
- B. billi l-miżuri proposti mill-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern jirrappreżentaw kontinwazzjoni ta' politiki falluti u l-kawżi sottostanti tal-kriżi finanzjarja u ekonomika għadhom ma ġewx indirizzati, b'mod partikolari d-deregolamentazzjoni li għaddejja bħalissa ta' setturi ekonomiċi ewlenin u d-disparitajiet makroekonomiċi li kulma jmur qed jikbru fiż-Żona tal-Euro;
- C. billi d-dipendenza fuq is-swieq finanzjarji, minkejja l-effetti devastanti tagħhom, saħansitra żdiedet mindu bdiet il-kriżi finanzjarja; billi huma biss il-kontroll pubbliku tal-banek u l-attribuzzjoni ta' selfiet b'rati baxxi mill-Bank Ċentrali Ewropew lill-Istati Membri li jistgħu jgħibu fi tmiemha din is-sitwazzjoni;
- D. billi l-patt fiskali propost se jneħħi l-għażliet tal-politika fiskali mill-gvernijiet eletti demokratikament tal-Istati Membri u mill-kontroll demokratiku tal-popli tal-Ewropa, inkluż mill-parlamenti nazzjonali, u se jistabbilixxi qafas permanenti ta' awsterità;
- E. billi l-gvernijiet fl-Ewropa kollha aċċettaw dak li kkmandaw is-swieq finanzjarji u għalhekk orjentaw il-proposti tagħhom ta' politika kompliment lejn is-sodisfar tas-swieq;
- F. billi r-regoli li jirregolaw l-Euro huma spjegati fit-trattati eżistenti u ma jistgħux jinbidlu mingħajr ma jsir tibdil f'dawk it-Trattati;
- G. billi l-kriżi ta' fiduċja bejn in-nies fl-Istati Membri tal-UE u l-istituzzjonijiet tal-UE tkompli tikber, fejn qiegħda twassal għal aggravar tal-kriżi tad-demokrazzija u l-leġittimità għall-UE;
- H. billi bħala riżultat tal-politika tal-UE n-nies kulma jmur aktar qed jaraw lill-UE bħala

theddida għall-benessri ekonomiku u soċjali tagħhom, bħala għajn ta' nuqqas dejjem akbar ta' sikurezza għall-impjeg u d-dħul tagħhom, blala promotriċi ta' inugwaljanza u inġustizzja u bħala ostaklu għad-demokrazija sħiħa u tista' taggrava l-irtirar nazzjonalista, iżżid l-ideat ksenofobiċi u livell għoli ta' astensjoni fl-elezzjonijiet inklużi l-elezzjonijiet Ewropej;

1. Jemmen li l-miżuri tal-Kunsill Ewropew se jaggravaw il-kriżi kapitalista globali;
2. Jopponi bil-qawwa kollha t-Trattat Internazzjonali dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) u l-bidliet li saru dan l-aħħar fl-arkitektura tal-UEM (il-Governanza Ekonomika, is-Semestru Ewropew, il-Patt għall-Euro plus); jemmen li dawn il-bidliet jiffurmaw it-tweġiba neoliberali l-aktar reazzjonarja, mhux demokratika u estrema għall-kriżi li għaddejja bħalissa;
3. Jiddenunċja l-fatt li l-abbozz ta' Trattat Internazzjonali dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja qed jiffoka fuq l-istess strumenti li wasslu għall-kriżi minflok ma jirriorjenta l-iżvilupp ekonomiku fl-UE 27 fuq li kulħadd ikollu impjeg (inklużi impjeggi aktar u aħjar), fuq it-tkabbir soċjoekonomiku, il-koeżjoni soċjali (b'mod partikolari, il-għieda kontra l-faqar, l-inugwaljanzi fid-dħul u l-qgħad) u l-ħarsien ambjentali u qiegħed jaggrava d-defiċit tal-leġittimazzjoni demokratika tal-politika eżistenti billi jinjora r-rwol tal-Parlament Ewropew u tal-Parlamenti Nazzjonali;
4. Barra minn hekk jemmen li l-abbozz ta' Trattat Internazzjonali se jistituzzjonalizza l-awsterità u jċedi l-prinċipju tad-drittijiet demokratiċi ugwali tas-27 Stat Membru kollha kemm huma, ħaġa li b'mod inevitabbli se taggrava l-kriżi, iddgħajef l-istandards tal-għajxien tal-maġġoranza tan-nies fl-UE u se żżid l-inugwaljanza bejn l-Istati Membri u toħloq firdiet li se jwasslu għal UE ta' diversi veloċitajiet, u f'dan il-proċess mhux sempliċement tiġi pperikolata l-eżistenza tal-Euro imma forsi wkoll l-UE kollha kemm hi;
5. Jinsisti li d-dibattitu dwar kif nistgħu noħorġu mill-kriżi ekonomika ma għandux jitħalla li jsir biss mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-gvernijiet tal-Istati Membri tal-UE imma għandu jinvolti lis-soċjetà ċivili, lit-trejdjunjins, lin-nies qiegħda u partijiet oħra mis-soċjetajiet Ewropej li huma esklużi soċjalment; jitlob li jsir dibattitu komprensiv fost il-popli tal-Ewropa dwar x'jistennew mill-UE u dwar l-oġġettivi tagħha;
6. Jemmen li impenji tal-kobor li hemm indikat fl-abbozz ta' Trattat Internazzjonali jobbligaw li ssir l-aktar konsultazzjoni eżawrenti possibbli man-nies permezz ta' referenda skont ir-regoli nazzjonali; jinsisti li dawk ir-referenda jitmexxew mingħajr indħil politiku mill-Kummissjoni Ewropea;
7. Jinnota li kwalunkwe bidla li ssir fil-kostituzzjoni Irlandiża tirrikjedi referendum; u li s-setgħat baġitarji huma mogħtija mill-kostituzzjoni Irlandiża lill-parlament u lill-gvern Irlandiżi, u għalhekk tinholq il-ħtieġa li l-kostituzzjoni tiġi emendata fil-każ li jsir xi trasferiment tas-setgħat baġitarji;
8. Jemmen li l-gvernijiet f'dawk l-Istati Membri fejn mhuwiex possibbli li jsiru referenda jagħtu lill-poplu s-setgħa li jiddeċiedu dwar ir-ratifika ta' dan l-abbozz ta' Trattat permezz ta' konsultazzjoni mal-poplu;

9. Jenfasizza li kwalunkwe bidla li ssir fil-ġejjieni fit-Trattati tal-UE trid tiġi adottata skont il-proċedura ordinarja tar-reviżjoni tat-trattati; jiċċhad kull użu tal-proċedura rapida;
10. Jemmen li l-ivvotar dwar politiki ekonomiċi u fiskali alternattivi ppreżentati mill-partiti politiċi huwa parti fundamentali mid-demokrazija fl-Istati Membri, u li dan l-abbozz ta' Trattat Internazzjonali se jnaqqas b'mod sinifikanti l-abilità li jkollu kwalunkwe gvern elett fil-ġejjieni li jimplimenta politiki li jkunu tiegħu stess; mhux biss f'politiki fiskali u ekonomiċi imma fi kwestjonijiet soċjali, edukattivi u kulturali u li din il-ħaġa tikkostitwixxi theddida fundamentali għall-prinċipju tas-sussidjarjetà;
11. Jopponi t-trasferiment ta' setgħat ġodda lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u lill-Kummissjoni Ewropea biex jindaħlu fil-politika baġitarja tal-Istati Membri;
12. Jinnota li r-regoli li jirregolaw l-Ewro huma mfissra fil-qosor fit-Trattati eżistenti tal-UE u li din il-ħaġa ma tistax tinbidel jekk it-Trattati eżistenti ma jinbidlux;
13. Jiddeplora l-konfużjoni legali u politika li hemm madwar dan l-abbozz ta' Trattat Internazzjonali jiġifieri n-nuqqas ta' abbozz konkret u pubbliku tat-Trattat;
14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti tal-Istati Membri.